

L-Erbgħa 21 ta' Novembru 2012

P7_TC1-COD(2012)0217

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Novembru 2012 bil-ksieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru. .../2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' kwoti tar-rati tariffarji li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' injam mill-Federazzjoni Russa lejn l-Unjoni Ewropea

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġiżlattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1217/2012.)

P7_TA(2012)0437

It-tibdil fil-konċessjonijiet għal-laħam tat-tjur ipproċessat, bejn l-UE, il-Brażil u t-Tajlandja ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2012 dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tal-GATT) tal-1994 dwar it-tibdil fil-konċessjonijiet għal-laħam tat-tjur ipproċessat imniżżel fl-Iskeda tal-UE mehmuża mal-Ftehim tal-1994 tal-GATT, u tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tajlandja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tal-GATT) tal-1994 dwar it-tibdil fil-konċessjonijiet għal-laħam tat-tjur ipproċessat imniżżel fl-Iskeda tal-UE mehmuża mal-Ftehim tal-1994 tal-GATT (07883/2012 – C7-0171/2012 – 2012/0046(NLE))

(Approvazzjoni)

(2015/C 419/46)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (07883/2012),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Brażil skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tal-GATT) tal-1994 dwar it-tibdil fil-konċessjonijiet għal-laħam tat-tjur ipproċessat imniżżel fl-Iskeda tal-UE mehmuża mal-Ftehim tal-1994 tal-GATT (07884/2012),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tajlandja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tal-GATT) tal-1994 dwar it-tibdil fil-konċessjonijiet għal-laħam tat-tjur ipproċessat imniżżel fl-Iskeda tal-UE mehmuża mal-Ftehim tal-1994 tal-GATT (07885/2012),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0171/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0350/2012),
1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehimiet;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Federali tal-Brażil u r-Renju tat-Tajlandja.